# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 1**

**Appell numru 10/2021/1**

***Alfred Gera & Sons Limited* (C-120)**

***v.***

**i. *Central Procurement and Supplies Unit*;**
**ii. *Vivian Corporation Limited* (C-68); u**
**iii. *Pemix Distributors Limited* (C-51137) u *Cherubino Limited* (C-3677) għal kull interess li jista' jkollhom**

1. Dan huwa appell ta' *Alfred Gera & Sons Limited* ["*Gera & Sons*"] minn deċiżjoni tad-29 ta' Diċembru 2020 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbiku ["L.S. 601.03"] fi kwistjoni dwar talba magħmula minn *Vivian Corporation Limited* ["*Vivian*"] taħt ir-reg. 262 tal-L.S. 601.03 għal rimedju qabel id-data tal-għeluq ta' sejħa għal kompetizzjoni.

2. Il-meritu ta' dan l-appell huwa identiku għal dak magħmul minn *Vivian* dwar l-istess deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tad-29 ta' Diċembru 2020 u li dwaru ngħatat sentenza llum fl-appell numru 12/2021 fl-ismijiet *Vivian Corporation Limited v. Central Procurement and Supplies Unit et* u li fih kienet ukoll parti *Gera & Sons*. Il-qorti għalhekk tagħmel referenza għall-esposizzjoni tal-fatti, tal-konsiderazzjonijiet u tal-motivazzjoni magħmula fis-sentenza mogħtija llum fl-appell numru 12/2021, li għandhom jitqiesu parti minn din is-sentenza.

3. Għal-istess raġunijiet mogħtija fis-sentenza mogħtija llum fl-appell numru 12/2021 il-qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni.

4. L-ispejjeż ta' dan l-appell jinqasmu bin nofs ($^1/_2$) bejn l-appellanti u l-awtorità kontraenti b'dan iżda illi t-tliet intimati l-oħra jħallsu l-ispejjeż tagħhom stess.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm